# "L - H E N A   T A Z - Z W I E G"

KUMMIDJA BRILLANTI TA FRANK GANADO.

Jiehdu sehem:

IS-SINJURA RIKETT

GORG (ir-ragel taghha)

DORIS (bintha)

ORESTE CARUANA.

KATARIN (is-seftura)

XENA — Salott mudern fid-dar tas-sinjura Rikett.
Bieb fil-fond li jaghti ghal barra.
Tieqa baxxa fil-fond, lemin.
Bieb mal-lemin li jaghti ghal gewwa.

MOBBLI — Max-xellug sufan b'mejda baxxa quddiemu. Mal-lemin pultruna. Hdejn il-pultruna mejda zghira u fuqha basket tax-xoghol tas-sinjura Rikett. Mal-hajt tal-fond, xellug, mejda jew gradenzina Siggu fil-fond hdejn il-bieb u siggu iehor mal-hajt tax-xellug.

ILBIES — L-ilbies jista jkun tas-sajf, mezzutemp jew xitwa.

Is-sinjura Rikett - Libsa kulur wiehed mhux fjurita. Fuq ruha. Ta xi erbghin sena.

Gorg - Ragel ta erba u hamsin. Xharu ga beda jibjad. Libsa intira.

Doris - Libsa fjurita. Tfajla ta 18 il-sena. Misthija u kwieta.

Oreste Caruana - Liebes bhad-Teddy boys. Ragel ta 22 sena. Jippretendiha.

Katarin - Libsa ordinarja ta kuljum, bil fardal.

BZONNIJIET — Gazzetti - Zewg vazetti bil-fjuri niexfin - Ftit fjuri ghas-Sinjura Rikett - Kaxxa bi hgieg u caqquf ghal hoss ta ksur minn gewwa - Baskett tax-xoghol - Ashtray - Photoframe - zewg ornamenti - Ittra fil-but ta Gorg anki sigaretti biex ipejjep. Kostum ta Superman ghal Oreste li jikkonsisti fi jersey b'arma bil "S" fuq sidru, tights kulurit. u kappa sewda jew kulurita u half top-boots.

Salesian Theatre

- Sliema -

Script Nos: 414

"L-HENA TAZ-ZWIEG"

Kummidja Brillanti ta' Frank Ganado.

KIF JITLA S-SIPARJU JIDHOL GORG - GHADU KWAZI FIS-SAKRA MIL-LEJL TA QABEL.

Gorg - Aima Rasi'. Ghandu jkun dak li xrobt dal-lejl ma kienx gniebru, imma pitrolju. Sakemm nibqa hajj ma nduqux aktar zgur. (IPOGGI BILQEDA U JAQBAD GAZZETTA U JILBES IN-NUCCALI) X'wahda din'. Anki bin-nuccali qeghed nara zmerg. U kemm ghandi x'naghmel l-ufficju llum. Li stonku tieghi nhossu qiesu terremot.

(Is-sinjura Rikett u s-seftura Katarin jinstamghu jitkelmu minn gewwa)

Rikett - Katarin'.

Gorg - Ser jibda t-terremot l-iehor'.

Rikett - Katarin'.

Katarin - Ghidli, sinjura.

Rikett - Din x'arukaza hi, l-mejda tal-kafe' ghadek ma zbarazzajthix?

Katarin - Ghax kont qeghdha naghmel hag'ohra, sinjura.

Rikett - Itlaq kollox minn idejk issa, u zbarazza kullimkien malajr. U ma nergax nghidlek darb'ohra. (HAWN JINSTAMA HOSS KBIR TA KSUR TA FAJJENZA U TWERZIQA MINN KATARIN)

Gorg - Qiesna qeghdin ~~il-Kanal~~ l-Irlanda.

Rikett - Qeghed tara x'ghamilt'. Dak is-sett tal-Kafe jkollok thalsu; u flahhar tax-xhar tista titlaq. Smajt hux?

Katarin - Iva, sinjura.

Gorg - Taghta l-ultimatum.

Rikett - Issa hallihom dawk u ejja mighi halli nirranga l-fjuri. (TIDHOL IN XENA, BUKKETT FJURI F'IDEHA. KATARIN TIDHOL WARAJHA)

Gorg - Addio paci'.

Rikett - Ma tafu tghamlu xejn. Jiena biss ikolli naghmel kollox hawn gew. Ghax kollha kemm intkom qieskom hafna mummji.

Gorg - Baghtitna l-Egittu bla hsieb.

Rikett - Ghad xi darba naqbad u nitlaq il-barra mbghad naraw x'taghmlu minghajri.

Gorg - Mhux li kien jahasra.

Rikett - (TIRRANGA L-FJURI. TNEHHI N-NIXFIN) Hawn ha, dawn ghar-rimi.

Katarin - Iva, sinjura.

Rikett - Ser tibqa thares? Qiesek l-ghageb tal-presepju'.

(KATARIN TOHROG TIBKI U RIKETT TINDUNA B'GORG)

Rikett - Mela ghadek hawn, Gorg? Jiena hsibt li wara hadt il-kafe' mort l-ufficju.

Gorg - Hekk kieku naghmel kull jum, imma dalghodu ma jhossnix f'sikti bizzejjed biex immur.

Rikett - Dan x'kien li tghak hekk?

Gorg - Fejn naf! Ghamilt lejl tal-biza!

Rikett - Minn daqshekk ghandek ragun.

Gorg - X'jigifiri?

Rikett - Ma nafx. Int taf.

Gorg - Jaqaw smajtni diehel?

Rikett - Jiena smajtek - u anki l-mobbli hassewk diehel ukoll.

Gorg - Din xi trid tghid biha?

Rikett - Kellek sakra ma tarax art!

Gorg - Caghad tistennini.

Rikett - Kien imissek tisthi - tidhol go darek fit-tlieta u nofs ta filghodu.

Gorg - Jiddispjacini Rikett, imma ma kienx tort tieghi.

Rikett - U min hi "iz-zokkra ta qalbek", Gorg?

Gorg - Zokkra ta qalbi? Iva, x'int tghid, Rikett?

Rikett - Naf x'jien nghid u kif. Int ghamilt lejl, jew inkella dak li kien fadal mil-lejl, tewden - u hlief zokkra ta qalbi ma ghidtx.

Gorg - Dak l-imgharraq gniebru ghamilili!

Rikett - U issa nahseb li ser tibqali hawn sakemm ighaddielek il-hashazin, hux hekk?

Gorg - Eh? (TIDHOL DORIS TIGRI)

Doris - Mama! Mama!

Rikett - Xi trid ruhi?

Doris - Mama ridt nistaqsik ... (TILMAGH LIL GORG) X'hemm Pa, mela int hawn?

Rikett - Iva, hawn qieghed - imma tkellmux ghax ihossu hazin. Insomma x'kont sejra tghidli, Doris. (DORIS TKELLIMHA F'WIDINTHA) X'jaghmel? (TERGA TKELLIMHA) Dazgur li le. X'kull wahda din ukoll!

Gorg - X'gara? X'inqala?

Rikett - Doris qaltli li trid tizzewweg.

Gorg - Tassew?

Rikett - Calet li hawn min irida.

Gorg - (JIEHU PJACIR) U qaltlu iva?

Rikett - Stenna halli nispicca nitkellem.

Gorg - Skuzi, imma int l-affarijiet iggibhom bit-tul wisq.

Rikett - L-affarijiet serji trid tohodhom bil-mod. Doris qeghdha titlobni permess biex titgharras.

Gorg - Mela le'. Ghala le'.

Rikett - Hemm int, fattarta millewwel u ghadek lanqas taf min hu, u x'razza ta bniedem hu.

Gorg - Allura nista nkun naf min hu?

Rikett - Certu wiehed, Oreste ....

Doris - Caruana, mama.

Gorg - Tassew? Mela tista tghidlu li kollox sewwa, Doris.

Rikett - (SEVERA) Ma tghidlu xejn minn dan kollu.

Gorg - X'inhu? X'ghidt?

Rikett - Smajtni x'ghidt. L-arlogg darba jdoqq.

Gorg - Irid ikun xi arlogg specjali bhal tieghek. Ara, Rikett, jiena l-Oreste nafu u jghogobni.

Rikett - U jiena ma nafux u ma jghogobnix.

Gorg - Hekk jirraguna ~~Nasser~~ Gaddafi, bhalek. Oreste Caruana huwa bniedem ....

Rikett - Gorg bizzejjed. Jiena hekk qtajta u hekk isir. (TOHROG BIL-FURI)

Gorg - Din qiesa Hitler. Mustacci u bezbuza jonqosha.

Doris - Papa, ghaliex qeghdha taghmel hekk il-mama? X'hemm kontra tieghu?

Gorg - Ghax il-mama m'hawnx bhala ruhi, qiesa Tarzan.

Doris - Imma dana jidhirlek li hu sewwa?

Gorg - Dak li jidhirli u li nghid jien go din iddar ma jghoddx, Doris.

Doris - Imma min hu l-kap tad-dar, papa - min jikkmanda hawn gew?

Gorg - Jien'. Stenna ftit, ahjar tistaqsi l-ommok.

Doris - Imma din inkwisizzjoni.

Gorg - Ara ma tisimghekx ghax ikolna revoluzzjoni. (TIDHOL RIKETT)

Doris - Imma papa, int ragel jew gurdin?

Gorg - Jiena ragel kieku ....

Rikett - Gorg'.'.

Gorg - Cioe' kont ragel, imma issa sirt gurdin.

Doris - Allura x'ser nghidlu, mama? Qieghed hawn fl-intrata jistenna risposta.

Rikett - Ghidlu jitlaqli l-barra minn hawn u ma jergax jigi wara biebi. U-ara li ma narakx mieghu ghax naqflek f'kunvent.

Doris - Imma ghala, mama?

Rikett - Ghax hekk hemm bzonn. Mur u ghamel dak li ghidtlek.

Doris - Papa, ma tistghax .....

Rikett - Le, ma jistghax!

Gorg - Isma Rikett, dawn mhux affarijiet li faqqahhom hekk.

Rikett - Iskot Gorg, ghax jaqbillek. Doris mur u keccihuli l-barra minn hawn. (DORIS TOHROG TIBKI)

Gorg - Inti kont taf li Oreste kien ikellem lil Doris?

Rikett - Qatt ma tghid kaz ghax jiena hsibt li dana kien wiehed mil-friends taghha. Pero' qatt ma kont nobsor li gej hawn wara biebi ggenninha biex tizzewgu.

Gorg - Tajba din, x'ridtu jaghmel? Jibghatlek telegramm?

Rikett - Le. Ridtu ihallili t-tifla bi kwieta.

Gorg - Tifel minn taghna, miskin, Oreste.

Rikett - Inti mid-dehra, donnok tafu sewwa.

Gorg - Ma nafux sewwa, imma nafu bizzejjed.

Rikett - Inti taf li ma jistghax jara dublett?

Gorg - U le, Rikett, fejn sejra b'rasek.

Rikett - U jien nghidlek hlief intrecci man-nisa ma jkollux!

Gorg - Kieku kien veru dak li qeghdha tghid, allura Oreste tifel sewwa.

Rikett - Kif inhi din?

Gorg - Haga semplici. Kieku kellu jitgharras lil Doris ....

Rikett - Imma mhux ser jitgharrasha!

Gorg - Jiena ghidt 'Kieku". La darba, kif qeghdha tghid int, Oreste dejjem jiggerra man-nisa, malli jara tfajla sewwa millewwel jarafa. Allura jiena nghid li Doris ma jistghax ikollha ragel ahjar minnu.

Rikett - U ghala?

Gorg - Ara ghala. Ghax jekk kellu dawn l-intrecci kollha, malli ltaqa ma Doris millewwel gharafa talli hi.

Rikett - Gharafa u nghid, ghax gie wara biebi u bil wicc tost kollu, dahalli go l-intrata.

Gorg - Precizament. Fi ftit kliem gie hawn biex jurik li huwa ghandu fehma tajba.

Rikett - Mghandhux u lanqas qatt kellu.

Gorg - Isma, Rikett, lanqas hmar ma jirraguna bhalek.

Rikett - Minthix ghal li jista jkun ser tibda taghmilha tal helu int, hux?

Gorg - Le, Rikett. Jiena qeghed nitkellem bis-serjeta'.

Rikett - Tahseb li l-effetti ta dal-lejl lehqu hargu millistonku tieghek ghal kollox?

Gorg - Hemm int, qbizt fuq hag'ohra malajr malajr minghajr mghandha x'taqsam xejn. Jiena qieghed nipprova niccaralek il-fatti.

Rikett - Mhemmx x'ticcara, Gorg. Jiena ga qtajta. Doris mihix ser tizzewweg lil Oreste Caruana.

Gorg - Jiena nghidlek li qeghed taghmel zball kbir.

Rikett - Li sbalji, Gorg, wiehed minnhom ta dal-lejl, inhallihom ghalik.

Gorg - Almenu ghatini raguni wahda biss.

Rikett - Ga ghidtlek. Oreste hlief jinnamra ma jaghmilx.

Gorg - U jien nghidlek li fid-dinja, aktar ma jkollok esperjenza izjed tkun perfett.

Rikkett - Int, per ezempju, qatt ma kellek esperjenza tan-nisa.

Gorg - (MIMLI BIH IN-NIFSU) Min qallek li le! Kieku kelli nghidlek .....

Rikett - (TQUM TWERZAQ) X'inhu?

Gorg - (JIEHU QATGHA U JINTEBAH) U le, le, Rikett, qieghed niccajta. (IQUM U JMUR IZIEGHEL BIHA) Ara, Rikett, zbaljajt - ghidt kelma zejda.

Rikett - (SEVERA) Gorg, trid tghidli x'ghamilt u kemm kont taf nisa qabel izzewwigtni, ghax ser tispicca hazin mieghi.

Gorg - Jiena dak iz-zmien kont qiesni abbati. Jiena ma kont naf lil hadd. Jiena ghidtlek hekk ghaliex ........ (JILMAGH LIL DORIS U L'ORESTE LI DAHLU IN XENA) Ara min hawn! X'hemm?

Oreste - X'ghandha Gorg. Kif inti?

Doris - Mela tafu lil Papa, Oreste?

Oreste - Iva, ga ltqajna, u biex nghidlek .....

Gorg - Iva, iva, rajtu ghaddej mit-triq u sellimna lilxulxin.

Rikett - Doris!

Doris - Ghidli mama. (GORG U ORESTE JITKELMU MA XULXIN)

Rikett - Dan x'gibtuli jaghmel hawn? Mghidtlekx biex tkeccih il-barra?

Doris - Iva, mama, naf. Imma meta ghidtlu ma ried imur b'xejn. Qalli li dmirghu kien li jkellimkom, ghax fi zmien jumejn ghandu jsiefer. U ghalhekk gie llum.

Rikett - Mela nkelmu jien! Ahem! Sur Caruana!
(GORG U ORESTE LI SADATTANT KIENU JITKELMU JISKTU, U JISKARTA LEJN IL-PULTRUNA TIEGHU)

Oreste - Ghidli, Sinjura, f'hix nista nservik?

Rikett - Tista tghidli, jekk jghogbok, bliema dritt dhalt hawn go dari minghajr kunsens?

Oreste - Kumbinazzjoni ghalih gejt, sinjura.

~~Rikett~~ - Ghal kunsens tieghek!

Rikett - Jekk inti qieghed talludi ghal kunsens biex tizzewweg lil Doris, nista nghidlek minn issa li jiena ma naghtihulek qatt.

Oreste - Tlift ix-xoghol, sinjura biex nigi hawn.

Rikett - Dan hadt ma qallek tghamlu. Issa tista terga tmur mnejn gejt.

Doris - U le Mama, ghatih chance jispjegalek.

Rikett - Int mur f'kamartek. Inkelmek aktar tard.
(DORIS TOHROG IMBIKKMA)

Oreste - Jekk inti persuna serja, sinjura, dinha ma nsejhilhix serjeta' u wisq anqas irgulija.

Rikett - Fejn tifhem int fis-serjeta' u l-irgulija.

Oreste - X'jigifiri?

Rikett - Ara ejja naqtawha. Il-kunsens tieghi ma tiehdu qatt.

Oreste - Ghandu jkun thobb ticcajta sinjura. Jiena ga taghni l-kunsens tieghu r-ragel tieghek.

Rikett - Dak li qallek ir-ragel tieghi ma jghodd xejn. Hawnhekk dak li nghid jien biss isir.

Oreste - Qeghed tisma x'inhi tghid, Gorg?

Gorg - (KONFUS) Iva, iva ..... imma .... ghax halli nghidlek...

Rikett - Tista ma tghidlu xejn ghax mhux ser jizzewweg lil Doris. Izjed int, pupu, temmen lil dak.

Oreste - Le, skuzi, pupu ma tghidlhix.

Rikett - Nghidlek. U issa itlaq.

Oreste - Imma qabel nitlaq, jidhirli li ghandi d-dritt inkun naf ghala ghamilt din il-gwerra kolla kontra tieghi.

Rikett - Jiena minhix marbuta nghidlek dak li naf fuqek, imma la trida, ser nghidlek. Int ma tistghax tara dublett!

Oreste - (OFFIZ) Sinjura Rikett!

Rikett - Toqod tistghageb xejn ghax hlief tigri man-nisa ma tghamilx. Ghid li mhux veru?

Oreste - Minhix nichad, ghax dik hija parti mill-edukazzjoni tieghi.

Rikett - U fliema skola qeghed tiehu din l-edukazzjoni?

Oreste - Fli skola tal-esperjenza. Jiena tghallimt li ragel ma jistghax ikun jaf x'inhuma n-nisa, jekk ma jkunx ta spiss fil-kumpanija taghhom.

Gorg - (B'ENTUZIASMU) Bravu! Bravu! Sewwa qeghed ighid! Mghidtlekx jien!

Rikett - Gorg!! Lilek hadt ma dahhlek.

Gorg - (MISMUT) Iva, Rikett - skuzi.

Oreste - Ara, sinjura, jiena gejt hawn ghax inhobb lil Doris u nixtiqa li tkun marti.

Rikett - Doris ghada ma tifhimx. Ma tafx x'ragel int. Trid tigber ftit iehor biex tkun taf x'jigifiri l'imhabba.

Oreste - Jiena lil Doris inhobbha u hi thobbni wkoll. Nista nzommha tajjeb u ma jkun jonqosha xejn. Sinjura Rikett, ser nitolbok ghal-lahhar darba ......

Rikett - Le, le, u le!! (TOHROG B'RABJA)

Oreste - Int mhux mara ghandek, imma hajt taz-zonkor.

Gorg - Ghandek ragun, Oreste, u tassew jiddispjacini. Dik mghandhix ktieb tar-regolamenti, ghax ir-regolamenti tohloqhom hi skond il-burdata li tkun. Ahjar nehodha ma regiment suldati milli maghha.

Oreste - Kien imissek tajtni daqqa t'id.

Gorg - Imma jekk hija dejjem lesta ghalija bil-balla fil kanun xi tridni naghmel.

Oreste - Ipprova fehma daqxejn. Tghaddili kelma ghal gid. Imma trid tqum ftit fuq tieghek, mhux hekk, tibza minnha.

Gorg - Inti ma taf xejn, Oreste. L-ahhar darba ghax waqaftilha ftit, rabtitni mas-sodda.

Oreste - Rabtitek mas-sodda? Mela int xi kelb biex torbtok mas-sodda?

Gorg - Ahjar kont kelb, ghax forsi kont nigdimha gidma, u nahrab.

Oreste - Insomma, Gorg, jiena sejjer, pero' nerga nghaddi l-lejla, u jekk ma tibdilx il-fehma taghha, lil Doris inharraba.

Gorg - Ara ma tmurx taghmel bicca bhal din ghax naslu fil ju-jitzu universali.

Oreste - Insomma, l-lejla mbghad naraw. Mela ghalissa sahha.

Gorg - Sahha, Gorg, u halli f'idejja. (ORESTE JOHROG. GORG IDAHHAL IDU FIL BUT. JOHROG SIGARETT U MIL BUT TAQALU ITTRA MINGHAJR MA JINDUNA. IQABBAD IS-SIGARETT U JPOGGI FUQ IL-PULTRUNA. KIF SER JAQRA L-GAZZETTA TIDHOL RIKETT.)

Rikett - Mar dak li skamplu?

Gorg - Eh, Rikett, mhux kullhadd ihobb xorta.

Rikett - Dazgur. Per ezempju hemm irgiel ihobbu n-nisa, ohrajn ihobbu x-xorb.

Gorg - Imma kif dejjem tipprova tehles mis-sunnara. Jiena qieghed nitkellem fuq l-imhabba. L-imhabba ta ragel ghal mara ....

Rikett - Haga li inti ma taf xejn fuqa.

Gorg - Iva, hallini nfendi wahda, Rikett. Ir-ragel ifittex il-kumpanija tan-nisa sakemm isib wahda li tghogbu. Meta jsibha, huwa naturali li jkun irid jitgharras imbghad jizzewwigha. Il-kaz ta Oreste huwa xorta. Huwa ghazel lil Doria u jrid jizzewgha ghax ihobbha, jirrispettaha .....

Rikett - Bhal ma taghmel int lili.

Gorg - Issa dan x'ghandu x'jaqsam?

Rikett - Ghandu x'jaqsam u kif. Doris ghada ma tafx Oreste xi sarraf. Imma jiena bhala omma ghandi nara ma min ser tghaddi hajjitha t-tifla tieghi.

Gorg - Isma, meta hadt lilek ma qghadt noqod infittxek bil pinna u bil-klamar.

Gorg - Imma kemm ghandek qalbek hazina! Ara, ma jidhirlekx li sarlek il-hin biex tmur l-ufficju.

Gorg - Minhix sejjer ghalissa. Irrid nara kif ser tispicca din il-bicca.

Rikett - U x'tippretendi?

Gorg - Nippretendi li it-talba ta Oreste ghandha tigi milquha.

Rikett - Irrid narah b'sieq wahda qabel ma nghidlu iva.

Gorg - Tajjeb, lewwel aqtaghlu siequ mbghad izzewgu lil Doris. Ikunu helwin koppja fuq tlitt saqajn, qieshom fit-Three legged Race.

Rikett - Kemm nixtiq li nsib ragel iehor.

Gorg - Ghala? Jaqaw jien mhux bizzejjed?

Rikett - Imma kemm int stupidu. Irrid insib ragel iehor ghal Doris, imma jrid ikun ragel kuraggus.

Gorg - Mela sibtu. Oreste ghandu kuragg atomiku, u ma jahsibhix darbtejn biex jiehu it-tfajla li jhobb minn taht imnieher omma.

Rikett - Ara, tridx tohrog ftit sal-intrata biex tara telaqx.

Gorg - Mela le. Arani sejjer.
(GORG JOHROG. RIKETT TILMAGH L-ITTRA LI WAQQA GORG.)

Rikett - Ara. Hawn waqatlu ittra. Min jaf minn ghand min hi. (TIGBORHA, TIFTAGHHA U TAQRA) "Ghaziz Gorg, jiena nixtiq nizzewweg lil Doris u qieghed niktiblek ghal kunsens tieghek. Milli jidher Doris bezghana hafna mis-sinjura Rikett u ma tridx tghidli iva qabel ma tkellem lil-omma. Bhala habib antik ta missieri nitolbok tkellem lil martek biex ma tghamillhix bzaten fir-roti. Jiena lil Doris tassew inhobbha. Inkomplu nitkelmu l-lejla l-kazin. Il-habib tieghek, Oreste Caruana" Mela l-kazin ma dak li skamplu kien qeghed jixrob dal-lejl. Mela ghalhekk qeghed jaqbez ghalih.

(JIDHOL GORG DAHQAN. RIKETT TAHBI L-ITTRA. GORG IKOMPLI JIDHAQ)

Rikett - Gorg! Dan id-dahk kollu x'inhu? Jiena baghdtek biex tkeccili lil dak il-brikkun il-barra.

Gorg - Iva, ghalhekk mort, imma meta mort fl-intrata rajtu ma Doris u ma xtaqtx nisfrattahom.

Rikett - Kif? Ghadu hawn? X'hasibha dari, xi lukanda? Ma jafx ighid sahha u jmur?

Gorg - U nghid li jaf, imma jiena dawwart wicci.

Rikett - Bravu. Qaghad toqod tnemmes.

Gorg - U le, Rikett. Ghax wara li bis - u le x'jien nghid - insomma mbghad hargu barra u jien qaghdt naqra.

Rikett - Stajt qaghad taqra hawn gew.

Gorg - Ghax kieku ridt noqod daqxejn fil kwiet.

Rikett - Issa nahseb li serrahtu mohhok. U x'kont qeghed taqra? Xi lista tax-xorb?

Gorg - Lista tax-xorb? Rikett jekk terga ssemmili x-xorb inkissirlek kull ma hawn. U minhix ser nghidlek x'kont qeghed naqra.

Rikett - Ma gara xejn. Jiena marridx naf.

Gorg - Mela ahjar. (JAQBAD IL-GAZZETTA U JAQRA)

Rikett - Tghidli qalbi kont qeghed taqra xi rumanz.

Gorg - Le ma kontx. Imma 'int minghalija ghidtli li ma ridtx tkun taf x'kont qeghed naqra.

Rikett - Sewwa ghidt. Marridx naf. (PAWSA) Jien nahseb li kien xi dramm.

Gorg - Ma kienx.

Rikett - Mela xi kummidja.

Gorg - Lanqas.

Rikett - Mela allura x'kont qeghed taqra?

Gorg - (ISABBAT IL GAZZETTA) La ma tridx taf x'kont qeghed naqra nghidlek. Kien il-ktieb li jismu 'L-hena taz-zwieg" li kont xtrajt qabel izzewwigna.

Rikett - Mela qeghed tiggennen. Ara daqxejn, xih bhalek u ghadek temmen f'dawn il-hmerijiet.

Gorg - Rikett, jiena nghidlek li l-imhabba hija arti, Arti li tohrog ...

Rikket - ....f'sessik filghaxija u tidhol fis-sakra filghodu.

Gorg - Isma issa dejjaqtni. Ghad nurik li jiena ragel ta principju.

Rikett - U fliema principju temmen - li tqajjem in-nies bil-lejl? La inti ragel ta principju, ma kont thalli lil hadd jindahallek fil-fehmiet tieghek, hux tassew?

Gorg - Naturali.

Rikett - Lanqas jekk, nghidu ahna, persuna tipprova tixtrik.

Gorg - Tixtrini? Lili xi hsibtni xi tigiega s-suq?

Rikett - (TMUR HDEJH) Mela allura ghaliex qeghed tipprova dbigh lil-bintek?

Gorg - X'inhu?

Rikett - F'din l-ittra tidher bic-car. Bghedtha qeghed nghidlek.

Gorg - Iva x'bghedt?

Rikett - Lil bintek.

Gorg - Mela Doris kienet ghal bejgh? Razzan ilsienek Rikett ghax qeghdha ggenninni.

Rikett - Nghid kemm irrid. Hawn dari.

Gorg - Eh; iva?

Rikett - Iva.

Gorg - (JOHROG TAJJARA U JBODD WIDNEJH) Issa tista tghid li trid.

Rikett - (TAHTAFLU L-GAZZETTA U TURIH L-ITTRA) Int Guda. (GORG JAHTAFILHA U JNEHHI T-TAJJAR) Int Guda - qeghed tisma - Guda!

Gorg - Din mnejn gibta? Din ma kienitx ghalik.

Rikett - Intkom l-irgiel kollha xorta. Ghal erba grokkijiet dbieghu l-libsa minn fuqkom. Ridt tbigh lil Doris lil dak li skamplu eh?

Gorg - Ara Rikett, jiena semplicement ghidt l-Oreste li kont behsiebni nghinu, dak kollu. U dan ghidtulu, ghax meta gejt bzonnu, huwa taghni l-ghajnuna mehtiega.

Rikett - U meta kien li gejt bzonnu?

Gorg - Mhux hu giebni ddar dal-lejl.

Rikett - Issa qeghdha nifhem kollox. Sakkrek u ghamel li ried bik.

Gorg - Thawwadtx aktar, Rikett. Jekk trid tkun taf mhux hu sakkarni. Dan kien haddiehor. Kieket hi - eh - hu - cioe' jien - ghax kont - Isma min qallek li jien kont fis-sakra?

Rikett - Qeghdha nghidlek jien, u hemm il-mobbli xhud. Huwa jiena nurih lil-Oreste.

Gorg - Ara, turih xejn, ghax jiena konvint li tassew ihobbha lil Doris. U ragel daqsu m'hawnx.

Rikett - Jiena nammetti haga wahda biss.

Gorg - Oqod, flahhar ser tammetti xihaga.

Rikett - Jista jkun li Oreste jnobb lil Doris, imma min ighidlek li ghada jew pitghada ma jiltaqax ma haddiehor u jitlaqili bhal erba fost il-gimgha?

Gorg - Daka ma jista ighidu hadd.

Rikett - Imma ghala.

Gorg - Halli nghidlek. Ghandi lira fil-but, sewwa? Min ighidlek li minn hawn u hames minuti ohra, jiena din il-lira ma nonfoqhix?

Rikett - Qabel tonfoqha tinsix li trid taghtini tal-halib u tal-laham.

Gorg - Imma fejn tmur b'rasek. Jien qeghed ninhanaq nispjega u int mohhok fil-halib u fil-laham.

Rikett - Kieku tghid li almenu Oreste ghandu xi posizzjoni jew xi don. Imma mghandu xejn - xejn.

Gorg - Min qallek li mghandu xejn. Oreste fih xi sold taf.

Rikett - Kemm ghandu.

Gorg - Eluf.

Rikett - Eluf?

Gorg - Eluf.

Rikett - Tassew?

Gorg - Mela bic-cajt.

Rikett - Ma qaltlix li kellu l-flus. Qaltli biss li jhobb in-nisa w ix-xorb, is-sinjura Zez.

Gorg - Is-sinjura Zez? Aima zaqqi l-min semmejt. Dik qiesa ~~Rediffusion:~~ [Xandir Malta] Qeghed tara kif tawk informazzjoni hazina.

Rikett - Kemm il-elf ghidt li ghandu?

Gorg - Tlitt elef - meta imut zijuh.

Rikett - Tlitt elef biss? Imma inti ghidt eluf.

Gorg - Rikett, wiehed tghidlu elf, imma izjed minn wiehed tghid eluf.

Rikett - Tlitt elef lira! U ma johodhomx qabel imut iz-ziju. U dana zijuh meta ser imut.

Gorg - Issa mmur insaqsih. (TIDHOL DORIS TIBKI U TMUR HDEJH) Issa dana sewwa, Rikett. Qeghed taqsmilha qalba.

Rikett - Gorg, tindahalx.

Gorg - U mela ma nindahalx. Digja naqset ratlejn bil-biki. Nixtiq naf li kieku kont int floka x'kont tghamel.

Rikett - Kont insib ragel mhux skamplu. Jiena biss naf x'ragel ighodd ghal Doris.

Gorg - Iva? Han-nisimghu.

Rikett - Irid ikun kwiet, tad-dar u onest.

Gorg - Bhali. Kompli.

Rikett - Ma jiskirx, ma jilghabx u ma jpejjipx.

Gorg - Titotla!

Rikett - Serju, bil-ghaqal u sinjur sewwa.

Gorg - Miljuni - Marshal Aid wahdu!

Rikett - Fuq tieghu, intelligenti, stonkuz u ma jibza minn hadd.

Gorg - Mela arh, Doris ruhi, int ser tispicca tmut armla qabel ma tizzewweg.

Rikett - Allura? Int tahseb li mhawnx nies hekk?

Gorg - Le, Rikett, m'hawnx - u jekk hawn - wiehed biss. Isejhulu Superman.

Rikett - Mela tajjeb - inzewguha s-Superman!

(TINSTAMA TISFIRA TWILA U DAQQA QAWWIJA FUQ TAMBUR U MIT-TIEQA JAQBEZ IN XENA ORESTE LIEBES TA SUPERMAN)

Oreste - Sejjahtuli?

(GORG JIBQA JCCASSAT. RIKETT IHOSSHA HAZIN. Doris TMUR TIGRI HDEJN ORESTE)

Doris - Oreste!!!

SIPARJU MALAJR.

<u>T M I E M</u>